# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru,2000**

**Numru 3**

**Avviz numru 2103/98mm**

**David Ellis bhala Bursar u fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St Edward's**

**vs**

**Philip u Patricia konjugi Ransley**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur nomine fit-28 ta' Ottubru, 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' mitejn tmienja u sebghin lira Maltin (Lm278) rappresentanti drittijiet tal-Kullegg hawn fuq imsemmi ta' taghlim u edukazzjoni, in konnessjoni mat-tifla taghhom li kienet studenta fl-istess Kullegg u dan skond kont li jgib id-data ta' l-ewwel (1) ta' Settembru, elf disa mija sebgha u disghin (1997) li kopja tieghu gie esibit u markat Dok "A".

Bl-ispejjez kollha nkluzi l-ETS, kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib id-data tat-tnejn (2) ta' Frar, elf disa mija tmienja u disghin (1998), ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-tnejn (2) ta' April, elf disa mija tmienja u disghin (1998) u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur nomine peress illi kien l-attur nomine li ma riedx jippromwovi lit-tifla tal-konvenuti fil-klassi li kien imiss wara li hareg ir-rizultat tal-ezami fl-ahhar ta' Awissu biex b'hekk ir-regola li jrid javza sal-31 ta' Lulju 1998 lill-attur jekk it-tifla taghhom Jacqueline ser tkomplix l-iskola jew le, ma tapplikax.

2. Illi fil-kaz in kwistjoni kieku t-tifla ghaddiet mill-ezami, hija kienet tigi promossa u ma kien hemm ebda intenzjoni li tigi mnehhija mill-Kullegg imma galadarba l-attur nomine ma riedx jippromwovi lil bint il-konvenut huwa l-attur li kecciha.

3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti m'ghandhomx ihallsu l-ammont rikjest.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat bejn il-partijiet illi bejn Ottubru 1996 u Gunju 1997 it-tifla tal-konvenuti Jacqueline Ransley kienet attendiet l-ewwel sena tas-Sixth Form tal-kullegg St Edward’s illi f’din il-kawza qieghdha tigi rappresentata minn David Ellis. Jidher illi f’dik is-sena Jacqueline Ransley ma tantx marret tajjeb ghal dak illi huwa l-aspett akkademiku tal-mawra taghha f’dan il-kullegg.

Il-progress taghha f’dan il-qasam gie migbud ghall-attenzjoni tal-konvenuti u zgur illi darba saret laqgha bejn omm il-minuri Patricia Ransley u s-Senior Tutor tas-Sixth Form Anthony Saliba. Ghal habta ta’ Jannar/Frar tal-1997 is-Sur Saliba ddiskuta l-problema ma’ Mrs Ransley fejn din ta’ l-ahhar kienet ta’ l-idea illi forsi kien ikun ahjar ghat-tifla li ma tkomplix bl-istudju taghha fil-kullegg pero’ t-tifla baqghet l-iskola u kompliet is-sena. Ghamlet ukoll l-ezamijiet finali u l-progress taghha hu rifless fir-rapport li gie ppublikat l-iskola a fol 35 tal-process liema rapport jidher car illi t-tifla ma kienetx qed taghmel progress fl-iskola. Ghas-sena skolastika ta’ wara l-genituri tat-tifla nfurmaw l-iskola illi t-tifla taghhom ma kienetx ser tissokta t-tieni sena u ma baghtuwiex aktar. Peress illi l-iskola jidhrilha illi dan l-avviz gie moghti tard wisq u mhux skond ir-regolamenti, dehrilha illi kellha titlob minghand il-konvenuti l-fees ghal tuition ghal dak l-ewwel term fl-ammont ta’ mitejn tmienja u sebghin

lira. Skond ir-regolamenti ta' l-iskola genitur irid jaghti mill-inqas xahrejn notice bil-miktub qabel student ikun jista jigi rtirat mill-iskola. Il-konvenuti fil-fatt mhumiex qieghdin jikkontestaw dan ir-regolament pero' qieghdin ighidu illi t-tifla ma gietx promossa u quindi kienet l-istess skola li kecciet lit-tifla taghhom milli tkompli l-edukazzjoni taghha f'dan il-kullegg. Gabu bhala prova apparti x-xhieda taghhom il-kummenti li kienu miktuba mid-dirigenti ta' l-iskola a tergo tar-rapport illi baghtulhom wara l-ezamijiet tat-tifla, specifikament il-kummenti tal-headmaster Gerald Briscoe fejn dana jghid "Jacqueline's academic performance gives cause for serious concern. It is a matter of debate as weather she should proceed to the Upper Sixth and she must gives her decision serious thought". Il-konvenuti qieghdin jiehdu dan il-paragrafu bhala ndikazzjoni cara illi l-iskola ma kienetx sejra tippromwovi lit-tifla taghhom.

Ikkunsidrat:

Fuq dan il-paragrafu l-Qorti kellha l-konfort tax-xhieda ta' Gerald Briscoe stess, il-headmaster illum irtirat ta' St Edward's College. Jiftakar lil Jacqueline Ransley l-iskola u jiftakar ukoll jikteb dan il-paragrafu fuq ir-rapport tat-tifla. Is-Sur Briscoe ghamilha cara illi b'dana ma riedx ifisser illi t-tifla ma kienetx ser tigi promossa imma li t-tifla kellha taghti attenzjoni partikolari ghall-istudju taghha peress illi kieku tibqa' sejra kif kienet dina ma kienetx ser taghmel success fl-ezamijiet finali. Is-Sur Briscoe qal illi d-decizzjoni jekk student ghandux jirrepeti klassi jew le hija esklussivament tieghu u tali decizzjoni tigi komunikata direttament lill-genituri bil-miktub. Qal ukoll illi l-kors tas-Sixth

Form huwa kors ta' sentejn u student jghaddi minn sena ghall-ohra awtomatikament. M'huwiex kors fejn student jirrepeti izda, bhal ma qal l-istess Mr Briscoe, jekk dana jkun il-kaz tali decizzjoni tigi komunikata direttament lill-genituri. F'dan il-kaz partikolari s-Sur Briscoe qal kategorikament illi hu qatt ma ghamel tali decizzjoni u qatt ma nforma lill-genituri li t-tifla taghhom ma kienetx sejra tigi promossa. Fil-fatt is-Senior Tutor kif ukoll id-dirigenti kollha ta' l-iskola filwaqt illi jikkonfermaw illi Jacqueline Ransley ma kienetx sejra tajjeb fl-iskola qatt ma ssuggerew lill-genituri illi t-tifla ma kellhiex tigi promossa anzi jghidu illi t-tifla kellha l-potenzjal sabiex tmur tajjeb pero' ma kienetx qieghdha tuza dan il-potenzjal u ma kienetx qieghdha taghti "commitment" bizzejjed ghall-istudju taghha. Id-diskussjonijiet illi huma kellhom mal-genituri kienu dejjem fuq dawn il-binarji ta' aktar studju u "commitment" minnahha tat-tifla Jacqueline sabiex taghmel success. Minn imkien ma rrizulta mill-atti tal-process illi d-dirigenti tal-iskola qatt opponew illi t-tifla tigi promossa ghat-tieni sena. Id-decizzjoni illi t-tifla ma tkomplix l-edukazzjoni taghha St Edward's kienet decizzjoni esklussiva tal-genituri illi maghha d-dirigenti ta' l-iskola kienu ghal kollox estraneji. Irrizulta wkoll ippruvat illi l-konvenuti ma ottemprawx rwiehhom mar-regolamenti ta' l-iskola specifikament mal-paragrafu numru 7 intestat (notice of removal) li jirrigwarda t-tnehhija ta' l-istudenti qabel il-konkluzzjoni tal-kors akkademiku taghhom.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Settembru 1995 fl-ismijiet <u>David Ellis Noe vs Nicholas Vassallo</u> il-Qorti kienet qalet illi darba l-konvenut kien naqas li jaghti avviz skond ir-

regolamenti lill-kullegg illi t-tifel tieghu ma kienx sejjer jattendi l-ahhar term allura huwa obbligat illi jhallas it-tuition fees. F'din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu biss ghal hlas tat-tuition fees u xejn aktar. Dana huwa konformi mal-gurisprudenza gia kwotata u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala din ma ghandhiex tilqa' t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm278) rappresentanti drittijiet tal-Kullegg St Edward's in konnessjoni mat-tifla tal-konvenuti li kienet studenta fl-istess Kullegg u dan skond kont li jgib id-data ta' l-ewwel (1) ta' Settembru , elf disa mija u sebgha u disghin (1997).Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg